

Brussell, 4 ta' Marzu 2022  
(OR. fr)

6826/22

---

---

**Fajl Interistituzzjonali:  
2022/0069(NLE)**

---

---

**MIGR 69  
JAI 285  
FRONT 95  
ASILE 28  
COEST 166**

**NOTA PUNT "A"**

---

minn: Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill

lil: Kunsill

---

Suġġett: Proposta għal DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL li tistabbilixxi l-eżistenza ta' influż bil-massa ta' persuni spostati mill-Ukrajna fis-sens tal-Artikolu 5 tad-Direttiva tal-Kunsill 2001/55/KE tal-20 ta' Lulju 2001, u li għandha l-effett li tintroduċi protezzjoni temporanja

– Adozzjoni

---

1. Fit-2 ta' Marzu 2022, il-Kummissjoni ppreżentat proposta għal Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill li tistabbilixxi l-eżistenza ta' influż bil-massa ta' persuni spostati mill-Ukrajna, fis-sens tal-Artikolu 5 tad-Direttiva tal-Kunsill 2001/55/KE tal-20 ta' Lulju 2001, li tintroduċi protezzjoni temporanja skont id-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva.
2. Fit-2 ta' Marzu 2022, il-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Coreper u fil-laqgħa tal-Kunsillieri ĠAI.

3. Fit-3 ta' Marzu 2022, il-Kunsill ĠAI laħaq qbil politiku dwar l-attivazzjoni tad-Direttiva dwar il-Protezzjoni Temporanja.
4. Fl-4 ta' Marzu 2022, il-Coreper approva t-test tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill kif jinsab fid-dokument 6846/22, kif iffinalizzat mill-ġuristi lingwisti.
5. Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-Kunsill huwa mistieden:
  - jadotta d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill li tistabilixxi l-eżistenza ta' influż bil-massa ta' persuni spostati mill-Ukrajna fis-sens tal-Artikolu 5 tad-Direttiva 2001/55/KE, kif jinsab fid-dokument 6846/22;
  - idaħħal fil-minuti tiegħu d-dikjarazzjoni tal-Istati Membri kif tinsab fl-Addendum għal din in-nota.

---